**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 197/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Slava Baldacchino**
**(ID 605498(M))**

**Illum, 8 ta' Mejju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Slava Baldacchino ta' 18-il sena, iben Augustine u Mary Anne nee` Camilleri, imwieled ir-Russja nhar it-2 ta' Frar 1998, residenti gewwa 2, The Burrow, Triq Santa Marija, Sqaq Nru. 4, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 605498(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-29 ta' Awwissu 2016 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz

Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicina, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicina, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

6) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicina, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

7) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicina, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

8) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

9) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

10) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

11) Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D. nhar l-14 ta' Dicembru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

12) Talli kiser Ordni ta' *Probation* li nghatat lilu mill-Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D. nhar it-2 ta' Ottubru 2015;

13) Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar is-26 ta' Jannar 2016 u digriet/i sussegwenti, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tirrevoka l-beneficcju dwar il-helsien mill-arrest moghti lil Slava Baldacchino u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Slava Baldacchino u dan ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex is-somma ta' €1,000 bhala depozitu u s-somma ta' €5,000 bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' April 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa', l-ghaxar u t-tlettax-il imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, il-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjoni bin-numru tnax migjuba fil-konfront tal-imputat;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, hlief ghall-imputazzjonijiet bin-numru hdax u tnax, b'dan ukoll illi din l-ahhar imputazzjoni tnax giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni.

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat u anke a bazi tal-provi prodotti, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet.

Madankollu, minkejja l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri anke fir-rigward tat-tieni, it-tielet, u t-tlettax-il imputazzjoni, il-Qorti m'hijiex qed issib htija fl-imputat dwar dawn l-imputazzjonijiet u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati izjed 'l isfel.

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi nstabu sustanzi kemm fuq il-persuna tal-imputat fil-lejl in kwistjoni waqt li huwa kien qieghed gewwa *Numero Uno*, kif ukoll fir-residenza tieghu. Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu ossia *envelope* ta' lewn kannella li kien fih:

1. *Evidence bag* bin-numru N05875949 li fih *boxer shorts*;

2. *Evidence bag* bin-numru M00104954 li fih *boxer shorts*;

3. *Evidence bag* bin-numru S0082895 li fih xi flus;

4. *Evidence bag* bin-numru S00828956 li fih:

    (i) Bicca plastik trasparenti li fiha 5 qratas tal-plastik li fihom trab ta' lewn abjad;
    (ii) Bicca plastik trasparenti li fiha 5 qratas tal-plastik li fihom trab ta' lewn abjad;
    (iii) Qartas tal-plastik li fih trab ta' lewn abjad;
    (iv) Bicca plastik trasparenti li fiha 17-il pillola ta' lewn blu;
    (v) 5 qratas tal-plastik li fihom kristalli/trab ta' lewn isfar.

Il-Qorti tinnota illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dawn is-sustanzi instabu fil-lejl in kwistjoni fuq il-persuna tal-imputat, apparti qartas wiehed li nstab mal-art, hdejn saqajn l-imputat.

5. *Evidence bag* bin-numru M13900894 li fih:

   (i) Landa bil-kliem *Baking Powder* li fiha trab ta' lewn abjad;
   (ii) Bicca plastik li fiha 10 qratas li fihom trab ta' lewn abjad;
   (iii) Bicca plastik li fiha bicciet tal-plastik vojta u 2 pilloli ta' lewn abjad.

Il-Qorti tinnota illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dawn instabu fir-residenza tal-imputat.

Mill-konkluzjonijiet tal-espert Sammut jirrizulta s-segwenti:

a) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tat-trab kien ta' 7.43 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 15%.

Skont ir-relazzjoni tal-istess espert (pagni 4 u 5), kien hemm b'kollox wiehed u ghoxrin qartas bi trab abjad li rrizultaw pozittivi ghall-kokaina.

b) Illi fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn blu, instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru ta' pilloli kien ta' 17.

c) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn isfar ma nstabitx droga.

d) Illi fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn abjad instabet is-sustanza *Paracetamol*. In-numru ta' pilloli kien ta' 2. Din is-sustanza mhix ikkontrollata bil-ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk minkejja li l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert illi fil-pussess tieghu, huwa ma kellux is-sustanza *mephedrone*. Ghalkemm kif jirrizulta mill-istqarrija tal-istess imputat, huwa qal illi t-trab ta' lewn isfar kien jikkontjeni, in parte *MDMA* u in parte *mephedrone*, biss l-element materjali ma jirrizultax u ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. Lanqas jirrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat kien fil-pussess aggravat tas-sustanza *mephedrone* fix-xhur ta' qabel, ai termini tal-imputazzjoni odjerna, u ghalkemm fl-istqarrija tieghu, huwa jghid ukoll illi qabel kien ibiegh id-droga, huwa ma jghidx xi droga kien ibiegh.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ossia dik li permezz taghha l-imputat gie akkuzat bil-pussess aggravat ta' medicina psiktropika u ristretta, il-Qorti tqis illi apparti illi l-imputat instab fil-pussess ta' sbatax-il pillola kontenenti *MDMA*, ukoll medicina psikotropika u ristretta, liema pussess jifforma l-mertu tal-ewwel imputazzjoni, jidher illi l-imputat gie akkuzat b'din l-imputazzjoni stante li fl-istqarrija tieghu huwa jghid illi parti mit-trab ta' lewn safrani kien jikkontjeni s-sustanza *MDMA*. Kif inghad madankollu, apparti illi l-Qorti diga` qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, l-imsemmi trab ta' lewn isfar ma kien jikkontjeni l-ebda medicina psikotropika u ristretta u ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati wkoll ta' din l-imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tielet imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tlettax-il imputazzjoni, imbaghad, il-Qorti tinnota illi ai termini tal-istess imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu ghall-helsien mill-arrest permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti kif preseduta <u>tas-26 ta' Jannar 2016</u>. Issa ghalkemm jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi, a bazi tal-provi prodotti, illi l-imputat kiser il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, kif preseduta, biss dan id-digriet igib id-data tad-29 ta' Jannar 2016 (ara a fol. 26 tal-process) u mhux tas-26 ta' Jannar 2016 ai termini tal-imputazzjoni msemmija. Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu. Ghal fini ta' piena, madankollu, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat waqt li kien vigenti fil-konfront tieghu dan id-digriet.

Jibqa' biss illi l-Qorti tikkunsidra l-imputazzjoni bin-numru hdax li permezz taghha l-imputat gie akkuzat talli kkommetta r-reati odjerni waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fl-14 ta' Dicembru 2015. Il-Qorti tinnota illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx kopja formali ta' din is-sentenza u ghaldaqstant din ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, tant illi din l-ammissjoni giet registrata fis-seduta tad-19 ta' April 2017, fi stadju meta l-kawza kienet giet differita ghat-trattazzjoni finali u meta ghalhekk diga` kienu nstemghu l-provi kollha tal-partijiet.

Tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Frar 2017, in-natura, is-serjeta` tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u c-cirkostanzi tal-kaz, b'mod partikolari illi huwa nstab fil-pussess ta' 17-il pillola *ecstasy*, ammont dan li m'huwiex wiehed zghir jew insinjifikanti u ben wiehed u ghoxrin qartas bil-kokaina, bi trab li kien fih piz ta' 7.43 grammi. Tqis ukoll illi l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet huma aggravati bid-distanza, ai termini tal-ghaxar imputazzjoni li tikkontempla dan l-aggravju u li ghalhekk il-piena ghal dawn l-imputazzjonijiet ghandha tizdied bi grad.

Tqis ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat u x-xhieda fit-tul tal-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja. Jirrizulta mill-istess rapport illi l-imputat kellu trobbija certament difficli u l-Qorti ma tistax ghajr tiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-imputat bhala sitwazzjoni tassew pjetuza. Jidher ukoll mill-istess rapport illi din it-trobbija kellha sehem importanti fil-hajja kriminogenika li beda jadotta l-imputat. Sahansitra anke l-esperjenzi li huwa kellu fil-passat ma' professjonisti hallew impatt negattiv fuqu, ghalkemm f'dan ir-rigward ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi minn dak iz-zmien, huwa nghata u ghadu qieghed jinghata ghajnuna minn diversi professjonisti. Tqis ukoll illi ricentement l-imputat beda juri xi ftit izjed motivazzjoni li jircievi l-ghajnuna proposta lilu, ghalkemm mill-banda l-ohra, baqa' xorta wahda ma jerfax ir-responsabilita` tal-agir tieghu u l-progress kien wiehed ckejken, anke fil-fehma tal-Qorti, motivat mis-semplici fatt illi l-imputat kien jinsab taht arrest preventiv.

Ikkunsidrat ukoll ghal fini ta' piena illi l-hames imputazzjoni qed tigi meqjusa bhala kompriza u nvoluta fl-ewwel imputazzjoni, fil-waqt illi l-imputazzjoni numru tmienja qeghda tigi meqjusa bhala kompriza u nvoluta fl-imputazzjoni bin-numru erbgha. Tqis ukoll illi ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet, kif ukoll in kwantu l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, dan qed jigi applikat ukoll fir-rigward tal-piena ta' multa li ser tigi imposta dwar l-imputazzjonijiet bin-numri sitta, sebgha u disgha.

Dwar is-somma misjuba fil-pussess tal-imputat fil-lejl in kwistjoni, il-Qorti tqis ic-cirkostanzi li fihom instabet din is-somma, ossia illi l-imputat gie mwaqqaf ghall-habta tat-3.30 a.m., gewwa *Numero Uno* u li fil-pussess tieghu kellu kemm pilloli

*ecstasy*, kif ukoll qratas bil-kokaina, liema sustanzi ma kinux intizi ghall-uzu esklussiv tieghu. Dan apparti illi mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta wkoll illi huwa ma kellux impjieg fiz-zmien in kwistjoni u illi kien ilu minghajr impjieg ghall-perjodu ta' madwar sena u nofs. Il-Qorti qeghda tordna wkoll il-konfiska tal-*mobile phone* misjub fil-pussess tal-imputat in vista ta' whud mill-messaggi fuq l-istess, li ma jhallu l-ebda dubju lil din il-Qorti illi dawn kienu konnessi ma' traffikar ta' droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) u l-proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet tnejn, tlieta, hdax u tlettax kif dedotti kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmienja, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet u qed tikkundannah ghal piena ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija effettiva – mil-liema zmien ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li dwarhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' elfejn Euro (€2,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati fi zmien tliet snin mil-lum. B'dan ukoll illi kemm il-darba l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni tnax, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni, stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni.

Stante illi l-imputat mhuwiex qed jinstab hati tal-imputazzjoni bin-numru tlettax, qeghda tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikoli 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia s-somma ta' erba' mija, disgha u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€449.11), rapprezentanti spejjez konnessi man-nomina tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco, kif ukoll is-somma ta' mitejn, sitta u tletin Euro (€236), rapprezentanti spejjez inkorsi fin-nomina tal-espert Godwin Sammut, ammontanti b'kollox tali spejjez ghas-somma ta' sitt mija,

hamsa u tmenin Euro u hdax-il centezmu (€685.11). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma esebita bhala Dokument JC11 favur il-Gvern ta' Malta u tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument JC10, ukoll favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin dwar in-necessita` u l-importanza li l-hati jinghata l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn kemm dwar il-problema tad-droga, anke billi jinghata l-possibilita` li jsegwi programm residenzjali, kif ukoll dwar aspetti ohrajn, inkluzi dawk psikologici.

Tordna ghal dan il-ghan illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti esebiti bhala Dokumenti JC7 u JC12, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dokumenti JC8 u JC9, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat